MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2010

Numru 342/2008

**Il-Pulizija**
**Sp Joseph Mercieca**
**vs**
**Giuseppe Cassar**
**Joseph Grixti**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Giuseppe Cassar ta' 48 sena iben George u Catherine nee Borg mwieled Zejtun fis-17 ta' Settembru 1959 u residenti 8 Triq Abdosir Marsaxlokk, ID 646859 (M)**

**U**

**Joseph Grixti ta' 35 sena iben Michael u Carmen nee' Magro mwieled Pieta fit-3 ta' Ottubru 1972 u residenti 7B Trejqet il-Barrieri Zurrieq, ID 445772 (M).**

**Giuseppe Cassar wahdu akkuzat talli fit-18 ta' Marzu 2008 u / jew fix-xhur ta' qabel gewwa Marsascala b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:**

**(1) bejn it-3.00pm tat-13 ta' Marzu 2008 u 7.00am ta' l-14 ta' Marzu 2008 u / jew matul ix-xhur ta' qabel minn go fond li ghadu that kostruzzjoni fi Triq Ta' Gidwet Marsascala kkommetta serq ta' diversi ghodod tal-kostruzzjoni, liema serq hu aggravate bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix 2329.37 Euro u bil-hin li sar ghad-dannu ta' Anthony Colombo u / jew ta' persuni ohra;**

**Giuseppe Cassar u Joseph Grixti flimkien akkuzati talli:**
**(2) Fit-18 ta' Marzu 2008 u /jew fix-xhur ta' qabel minn fond li ghadu that kostruzzjoni fi Triq il-Mahsel Marsascala kkommettew serq ta' ghodod tal-kostruzzjoni, liema serq hu aggravate bil-valur, li ma jeccedix 2329.37 Euro u bil-hin li sar ghad-dannu ta' Mario Xuereb u / jew persuni ohra**
**(3) Fit-18 ta' Marzu 20087 u / jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat**
**(4) Akkuzati wkoll talli rrendew ruhhom ricedivi ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.**

**Rat l-atti kollha tal-process inkluz il-kunsens ta' l-Avukat Generali u tad-difiza sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji.**

**Rat li fis-seduta ta' llum 25 ta' Mejju 2010, il-prosekuzzjoni rtirat l-Artikolu 289 fil-konfront ta' Joseph Grixti kif wkoll ddikjarat li l-imputazzjoni numru 3 hija biss alternattiva ghall-imputazzjoni numru 2.**

**Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom wara li saru dikjarazzjonijiet li ghalihom qed issir referenza fil-paragrafu precedent, liema ammissjoni huwa kkonfermaw wara li nghataw hin xieraq sabiex jahsbuha. Galadarba l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom, allura dawn l-imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-ARtikolu 18, 49, 50, 289, 334 (a), 261 (b) (c) (f), 263, 267, 270, 278 (3) tal-Kap 9 fil-konfront ta' Giuseppe Cassar u l-ARtikoli 49, 50, 334 (a), 261 (c) (f), 267, 270, 278 (2) tal-Kap 9 fil-konfront ta' Joseph Grixti qed issib liz-zewg imputati hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom barra l-imputazzjoni numru 3 li hija alternattiva ghat-tieni wahda u li l-Qorti mhix qed tiehu konjizzjoni taghha.**

**Il-Qorti flok tikkundanna lill-imputati, qed tilliberahom kif gej:**

**1. Lil Giuseppe Cassar bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien tliet snin millum**
**2. Lil Joseph Grixti bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien sentejn millum**

**Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputati fi kliem semplici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------